MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 2114/1997/1

**Avviz Nru:- 2114/97**

**Joseph Debattista u Rita Debattista**

**vs**

**Stephen Buttigieg u Erminia Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihalllsu s-somma ta' tlett mija u sbatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm317.50c) kera ghall-garaxx numru 3, fi Triq il-Qaliet, Marsascala, ghall-perjodu mill-1 t'Awissu 1996 sal-31 ta' Ottubru 1997.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi huma m'ghandhomx jaghtu l-ammont pretiz mill-atturi u dan stante li kien hemm nuqqasijiet minn naha tal-atturi li rendew inaccessibbli l-garaxx; b'hekk il-konvenuti ma setghux jgawdu l-kirja tal-garaxx.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz; u

Ikkunsidrat:

Illi bl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenuti mhux qed jikkontestaw illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa esagerat jew li l-perjodu indikat huwa xi perjodu zbaljat, izda qeghdin isostnu illi huma m'ghandhom jaghtu xejn peress illi, ghalkemm il-garage in kwistjoni kien fil-pussess taghhom, huma kienu pprivati mit-tgawdija tieghu billi r-rampa illi l-atturi ppromettew illi jaghmlu f'dan il-garage baqghu ma ghamluhiex bil-mod kif xtaqu l-konvenuti.

Il-konvenut Stephen Buttigieg xehed illi effettivament huwa kien ezamina l-garage meta kien ghadu bla rampa u krieh fl-istat li kien, izda l-attur kien ippromettielu illi huwa ser jirrimedja n-nuqqas ta' rampa billi jaghmel rampa adegwata. Il-konvenut ikompli jsostni illi ghalkemm l-attur ghamel ir-rampa, din ir-rampa ma gietx maghmula b'mod adegwat u huwa xorta wahda kellu diffikultajiet fl-uzu ta' dan il-garage.

Ghalkemm dan huwa michud mill-attur illi jiddikjara illi bir-rampa li ghamel il-konvenuti kienu jistghu jaghmlu uzu ampju mill-garage ghall-bzonnijiet taghhom, jirrizulta illi l-konvenuti, nonostante li jiddikjaraw li kienu privati mill-uzu jew tgawdija ta' l-istess garage, huma xorta wahda ma hadux il-passi preskritti mill-ligi biex iwasslu l-ilment taghhom f'gudizzju. In fatti l-konvenuti ossija l-konvenut Stephen Buttigieg jammetti illi meta kera l-garage, dan lanqas ma kellu rampa, xorta wahda ghazel illi jikri l-garage in kwistjoni.

In oltre wara li l-attur esegwixxa, kif xehed il-konvenut, ix-xoghol li huwa kellu jaghmel, jekk il-konvenut ma kienx sodisfatt bil-mod kif giet maghmula din ir-rampa, huwa kellu l-fakulta' provduta mill-ligi illi jew jaghmel ix-xogholijiet huwa stess a karigu tas-sid, jew inkella jiehu l-passi necessarji biex ixolji l-lokazzjoni. Izda l-konvenuti ghazlu illi ma jaghmlu ebda wiehed minn dawn il-passi, izda zammew il-pussess tal-garage in kwistjoni ghall-perjodu indikat fl-avviz u jippretendu illi ma jhallsu xejn tal-kera tal-garage nonostante illi qeghdin jipprivaw lis-sid stess mill-pussess tieghu u dana billi jippretendu illi t-tgawdija ta' dan il-garage taghhom ma kienetx ampja daqs kemm huma xtaqu.

Mill-kumpless ta' dawn il-provi, il-Qorti ssib illi l-eccezzjoni tal-konvenuti mhijiex sorretta u ghaldaqstant tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma mitluba mill-atturi ta' tlett mija u sbatax-il lira Maltin u hamsin centezmi (Lm317.50c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 t'Ottubru 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------